**21 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Annunziato Camilleri**

***versus***

**Angelo Borg**

**Preskrizzjoni — Rikonoxximent tad-Dejn — Rinunzja — Art. 2214 tal-Kap. 23.**

*Min jaċċetta li jħallas parti minn somma reklamata kontra tiegħu, wara li jkun għadda ż-żmien għall-preskrizzjoni favur tiegħu, jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.*

*Imma jekk l-aċċettazzjoni tiegħu tkun akkompanjata minn ċirkustanzi oħra li juru li hu ma jirrikonoxxix id-dejn għall-kumplament, ir-rinunzja tiegħu hi limitata għall-parti rikonoxxuta biss, u l-preskrizzjoni tibqa' valida għall-parti tad-dejn li ma ġietx rikonoxxuta mid-debitur.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £10. 19. 9, dovuta lill-attur bħala prezz ta' tiswija, "spare parts" u żjut, li b'inkarigu u fl-interess tal-konvenut l-attur għamel fit-truck "Dodge" proprjetà tal-konvenut. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1957, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Fis-sena 1954 il-konvenut ħa truck "Dodge" fil-garage tal-attur, u nkarigah jagħmillu r-riparazzjonijiet u l-fornituri li hemm indikati fid-dokument a fol. 5 tal-proċess. Meta kien lest, il-konvenut ħa lura t-truck, u qal lill-attur biex ilestilu l-kont (fol. 56-67). L-attur qiegħed jirreklama minn għand il-konvenut is-somma ta' £10. 19. 9, imqassma skond ma jidher mid-dokument riferit;

Il-konvenut mhuwiex qiegħed jikkontesta x-xogħol u l-fornituri tal-attur u l-prezz tagħhom. Huwa oppona t-talba bil-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar taħt l-art. 2253(a) tal-Kodiċi Ċivili, u subordinatament billi jiċħad kull rapport ġuridiku mal-attur għax-xogħol tiegħu, in kwantu t-truck ma kienx tal-konvenut;

Hu spedjenti li tiġi nvestita fl-ewwel lok it-tieni eċċezzjoni;

Skond verbal a fol. 59, l-attur ikkjarifika dik il-parti taċ-ċitazzjoni fejn qal li l-konvenut inkariga lill-attur fl-interess tal-istess konvenut, u li x-xogħol sar fi proprjetà tiegħu, billi spjega li dan qalu fis-sens tal-preżunzjoni li tidderiva mill-istess inkarigu;

Irriżulta mill-provi illi fiż-żmien li l-konvenut inkariga lill-attur huwa kien biss id-driver tat-truck, li allura kien jappartjeni lill-missier il-konvenut u lill-ħatnu. Sussegwentement, f'Settembru tal-1955, il-konvenut akkwista minn għand ħatnu s-sehem tiegħu, u f'Awissu tal-1956 hu akkwista minn għand missieru s-sehem l-ieħor (fol. 57), u hekk fiż-żmien taċ-ċitazzjoni, jiġifieri fit-2 ta' Mejju 1957 il-konvenut kien diġà proprjetarju tat-truck intier. B'dan kollu, però, kien il-konvenut li, mingħajr ebda kwalifika li kien qed jagħmel hekk għal ħadd ieħor, ta l-inkarigu lill-attur biex jirripara t-truck u jfornieh bil-materjal neċessarju. Kien ukoll il-konvenut li rtira t-truck meta kien lest, u li qal lill-attur biex jibgħatlu l-kont. Hekk, ir-relazzjoni ġuridika ta' dak l-inkarigu kienet bejn il-konvenut u l-attur;

Għalhekk, l-eċċezzjoni opposta fit-tieni lok hija infondata, u hija respinta; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Skond verbal a fol. 60, il-kontendenti jaqblu li s-sena ndikata bin-numru "4" fid-dokument a fol. 5 hija s-sena 1954. Jidher minn dak id-dokument li l-aħħar prestazzjoni tal-attur kienet fit-8 ta' Novembru 1954;

Jirriżulta li fis-7 ta' Jannar 1957 l-attur interpella b'ittra privata l-konvenut għall-ħlas tas-somma reklamata f'dil-kawża (fol. 42). In segwitu, il-konvenut aċċetta mal-attur u martu Maria Camilleri li jħallas nofs il-kont, għal-kemm l-attur baqa' jinsisti għall-ammont intier (fol. 37-38). Fl-istess ħin, però, il-konvenut sostna mal-attur li hu ma kellu jagħtieh xejn, fuq il-motiv li huwa kien biss id-driver tat-truck, u qallu li hu kien lest iħallas dak li ppretenda li kien imiss lill-familja tiegħu;

Jinżel mill-premess illi, meta l-attur interpella lill-konvenut għall-ħ'as, u dan aċċetta jħallas nofs il-kont, kienu għaddew it-tmientax il-xahar kif jirrikjedi l-art. 2253(a) tal-Kodiċi Ċivili għall-kompiment tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut; u hekk il-konvenut kien diġà akkwista d-dritt li eventwalment jopponi l-preskrizzjoni;

Sussegwentement, però, il-konvenut aċċetta li jħallas nofs l-ammont reklamat mill-attur, iżda huwa akkompanja din l-aċċettazzjoni tiegħu bi protesta li ma għandu jagħtieh xejn, in kwantu ppretenda li ma kellu ebda rapport ġuridiku mal-attur. L-aċċettazzjoni tal-konvenut timplika bla dubju rinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata, in kwantu hija inkompatibbli mal-intenzjoni li jippreżervaha u jopponiha (art. 2214 Kod. Ċiv.). Imma l-pretensjoni tal-konvenut li ma kellux relazzjonijiet ġuridiċi mal-attur. għalkemm, għar-raġunijiet ġa mogħtija, kienet żbaljata, tammonta għal dikjarazzjoni li huwa ma jirrikonoxxix id-dejn għar-rimanenti, u b'dal-mod illimita r-rinunzja konformement għall-parti rikonoxxuta. Hekk Troplong (Della Prescrizione, para. 57, paġ. 49), wara li jgħid li, biex jiġi stabbilit jekk il-fatti proposti jimpurtawx rinunzja evidenti għall-preskrizzjoni, għandu jiġi eżaminat akkuratament "se non vennero accompagnati da

una protesta che li spieghi e li renda incompatibili con qualsivoglia idea di volontaria abdicazione", jkompli:— "Facciamo vedere dapprima con un esempio come la protesta influisca sull'atto da cui si induce la rinunzia. Se Pietro paga una parte del debito prescritto, egli rinunzia implicitamente ad opporre la prescrizione pel soprappjù; ma se egli dichiara di non riconoscere il debito che per la parte pagata, conserva tutti i suoi diritti per il rimanente. Così, l'atto da cui si sarebbe dedotta la rinunzia, nello stato comune delle cose, perde la sua qualità pregiudizievole in forza della protesta che lo spiega e restringe. Ciò è fondato sulla regola "actus agentium non debet operare ultra eorum intentionem";

Għalhekk, fil-waqt li l-konvenut irrinunzja għall-preskrizzjoni in kwantu għal nofs id-debitu, huwa żamm sod id-dritt tiegħu li jopponiha għall-kumplament;

Sottopost għall-ġurament għall-finijiet tal-art. 2265(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut iddikjara li ma hux debitur, u hekk il-preskrizzjoni minnu opposta saret effikaċi;

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iżda limitatament għall-ammont ta' nofs is-somma ta' £10. 19. 9 reklamata fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż bejn il-kontendenti nofs kull wieħed;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba tal-attur billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ekwivalenti għal nofs l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż mhux diġà deċiżi jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.